MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Numru 447/2000

**Il-Pulizija**

**vs**

**John Mizzi**

**Illum 25 ta' Frar 2009**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra John Mizzi, karta tal-identita' numru 6050G, akkuzat talli f'dawn l-ahhar snin u qabel il-25 ta' Mejju, 1999, ghamilt zvilupp jew hallejt jsir zvilupp konsistenti fi ftuh ta' barriera u qtiegh ta' gebel tal-franka fl-inhawi ta' Ghansar, limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex kif ukoll ksur ta' l-ippjanar konsistenti billi ghandek estensjoni tal-barriera minghajr il-permess mehtieg; barra minn hekk

akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet inqast li tobdi l-ordni tal-avviz biex tieqaf numru ECF/445/98/ENMU/NENF datat 26 ta' Marzu, 1998 sabiex twaqqaf immedjatament l-imsemmi zvilupp u jittiehdu dawk il-passi sabiex jieqaf il-ksur u tregga' lura s-sit ghall-istat originali; barra minn hekk inqast li tobdi l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita' Kompetenti.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni ressqet erba xhieda in sostenn tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat.  Karl Scerri xehed illi kien sar survey dwar il-barrieri kollha f'Ghawdex u bhala Enforcement Officer mal-Awtorita' tal-Ippjanar kien ghamel ricerka fuq ir-rizultanzi dwar din il-barriera u ohrajn f'Ghawdex u instab li parti minn din il-barriera li kienet licenzjata kienet estiza oltre dak permess mill-istess licenzja.  Fit-12 ta' Marzu 1998 mar fuq is-sit flimkien ma' Mark Cini fejn sabu nies jahdmu inkluz l-imputat u ordnawlu verbalment sabiex jieqaf mix-xoghol f'dik il-parti tal-barriera.  Oltre dan, kienu baghatulu Enforcement Notice izda ix-xoghol xorta baqa' ghaddej.  Il-permess ezistenti ta' din il-barriera jirrizulta mill-Police Trading License mahrug favur l-imputat.  Minkejja dan, l-istess xhud jghid li hu stess ma jafx "liema hi l-area koperta bil-permess ".

Mark Cini, ufficcjal iehor tal-Awtorita' tal-Ippjanar, xehed illi kien mar diversi drabi fuq is-sit anke ma' Karl Scerri u Joe Cassar u s-Surgent 756.  Huwa esebixxa pjanta li turi bil-kulur roza dik il-parti fejn kien qed isir tqattih ta' gebel u ghallhekk dik il-parti bla permess.  Minkejja li ordna lill-imputat biex jieqaf mix-xoghol, dan baqa' iqatta mill-barriera.

Franco Pisani spjega li fl-1994 il-Minerals Board kien kkomissjona t-tehid ta' ritratti mil-ajru u dawn tqabblu mal-

licenzji u site plans ezistenti.  Bhala rizultat kienu hargu permess biex ikopru dak li irrizulta minn dawn ir-ritratti. Huwa mar fuq is-sit sew fis-7 ta' Jannar 1998 kif ukoll fit-12 ta' Dicembru 1998.  In kontro ezami, dan ix-xhud qal li l-licenzji li kienu johorgu l-pulizija ma kienux jinkorporaw site plans.

PS 756 spjega illi l-imputat kellu permess "To quarry and to sell" dwar il-barriera indikata bhala "Softstone Quarry No. 5".  Din kienet imgedda fl-2001.  Il-licenzji mahruga qabel l-1992 kienu jinkorporaw site plan.

L-imputat offra x-xhieda tieghu u qal li ilu fil-barriera madwar 33 sena u kien intalab mil-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jieqaf ghaliex ma kellux permess.  Fl-1990 huwa fetah il-barriera in kwistjoni u meta ordnawlu jieqaf ghaliex l-estensjoni kienet bla permess, kien wiegeb li jekk jieqaf hu ikollu jieqaf kullhadd.  L-imputat jghid li ghadu jhallas il-licenzja.  In kontra-ezami, huwa qal li qabel l-1993 kullhadd kien jiftah fejn irid basta jhallas licenzja u li l-area in kwistjoni ilu jqatta' fih mill-1990.

Ikkonsidrat:

Illi fis-sottomissjonijiet tieghu l-abbli difensur tal-imputat jikkontendi illi sia l-akkuza kif ukoll il-pjanti esebiti ma jirriferux ghal-barriera gestita mill-imputat. Dan imur kontra dak li qal l-imputat stess meta xehed li ghadu jhallas il-licenzja tal-barriera u ma nnegax li qed ihallas u jahdem f'din il-barriera meta zied jghid li jekk jieqaf hu jieqaf kullhadd. L-akkuza tirreferi ghall-barriera fl-inhawi tal-Ghansar, limiti ta' San Lawrenz.  Kull dokument esebit jirreferi ghal dan il-konnotati inkluz is-site plan esebita minn Karl Scerri fis-seduta tas-6 ta' Frar 2002 li turi b'mod aktar dettaljat il-barriera de quo b'rispett tal-inhawi taghha fil-vicinanzi tal-Ghansar.  Meta tqieghed l-isketch a fol. 3 tal-process fuq is-site plan su riferita, tirrizulta b'mod lampanti li si tratta tal-istess area.

Illi minn dak li jemergi mix-xhieda jirrizulta illi meta si tratta ta' barrieri, kienet il-Pulizija esekuttiva li tohrog il-licenzji u dan sabiex isir tqattih u bejgh "To quarry and to sell"

skond PS 756. Issa minn dan ma hux car jekk dan ifissirx biss li tkun hekk licenzjat biex tezercita ix-xoghol ta' tqattigh qua thaddim ta' makkinarju biex tqatta jew kompriz li taghmel zvilupp konsistenti fi thaffir ta' barriera. Jidher li din il-licenzja kienet tkopri dawn iz-zewg attivitajiet izda mill-Att I tal-1992 'l quddiem tali attivita' qua zvilupp kienet regolata mill-Awtorita' tal-Ippjanar u ghalhekk l-licenzja tal-Pulizija bdiet isservi biss bhala licenzja tal-ezercitu tal-mistier u biex isir bjegh tal-gebla hekk maqtugha tant li wara l-1992 l-licenzji tal-Pulizija ma kienux jinkorporaw site plan kif spjega PS 756. Il-prosekuzzjoni jidher li tghid li mill-1992 'l quddiem l-imputat, u kull minn kellu permess ghall-barrieri, kien jirrikjedi permess *ad hoc* konsistenti f'wiehed ta' zvilupp mahruga mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Minkejja dan kien jispetta lill-prosekuzzjoni tressaq il-prova li l-imputat kellu licenzja biex jopera barriera b'konfini ben definiti u dan sall-1992 u li minn wara l-1992 kien jehtieg permess ond l-Att I tal-1992. Jekk ix-xhud principali tal-prosekuzjjoni, Karl Scerri, jghid li anqas hu ma kien jaf liema kienet l-area koperta bil-permess, din il-Qorti ma tistghax b'hekk issib htija fl-imputat li estenda l-barriera tieghu oltre l-konfini lilu indikati bil-licenzja mahruga mill-Pulizija. Inoltre, dik il-licenzja kienet qed tiggedded mill-Pulizija wara l-1992 izda minghajr site plan annessa u dan hu indikattiv tal-fatt illi l-permess qua area ta' tqattih bilfors jiddelinea area specifika u li jista jibqa' jsir ix-xoghol kemm il-darba il-permess ikun mhallas minn sena ghal sena. Id-dispost tal-artikolu 63 tal-Att imbaghad ikompli jimmina l-posizzjoni tal-prosekuzzjoni ghaliex kull permess mahrug bis-sahha ta' xi ligi li l-Att stess qed ihassar, jibqa fis-sehh daqslikieku dak il-permess inhareg mill-Awtorita'. Illi ghalhekk, l-ewwel akkuza ma tirrizultax pruvata;

Illi meta l-Awtorita' tal-Ippjanar indunat li din il-barriera kienet, skond hi, estiza oltre dak li precedentement licenzjat kif appena konsidrat, harget ordni sabiex l-imputat jieqaf mill-izvilupp, haga li ma ghamilx ghaliex deherlu li biex jieqaf hu iridu jieqfu is-sidien l-ohra tal-barrieri f'Ghawdex, kliem tieghu stess. Skond l-artikolu 51 u 52 tal-Att, l-Awtorita' ghandha l-obbligu u d-dritt li tordna

waqfien ta’ zvilupp ghar-ragunijiet hemm elenkati jekk jidrilha li dak l-izvilupp mhux debitament kopert bil-permess. Issa, fil-kaz in dizamina, l-imputat kellu josserva l-ordni tal-Awtorita’ biex din tkun tista’ tirregola ruhha dwar dak l-izvilupp, izda l-imputat, *ex admissis* irrifjuta li jaghmel dan.

Ghal dawn il-mottivi filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel akkuza u tilliberah minnha, ssibu hati tat-tieni u tielet akkuza li huma komprizi;

Rat l-artikoli 56(1) (c) tal-Kap 356

Tenut kont tal-estensjoni ta’ zvilupp, tikkundannah ghal-hlas ta’ multa ta’ hamsin elf euro (Euro 50,000.00) u stante li r-rejat kompla ghall-aktar minn tlett xhur, tikkkundannah ulterjorment ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sena mil-lum, liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkommetti rejat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sena mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9. Todna lill-imputat sabiex, bil-permess debiti, iregga lura is-sit ghall-istat li kien qabel sar l-izvilupp u dan sa zmien tlett xhur mil-lum fuq penali ta’ Euro 59 ghal kull jum ta’ nuqqas skond l-artikolu 56(2) tal-Kap 356.

Il-Qorti fissret lill-imputat l-obligazzjonijiet tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------